*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,612, 27 ta' Marzu, 2026*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru VIII tal-2026**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani, Kap. 558.**

**ACT No. VIII of 2026**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Human Organs, Tissues and Cell Donation, Cap. 558.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

27 ta' Marzu, 2026

**ATT Nru VIII tal-2026**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani, Kap. 558.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor. Kap. 558.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Donazzjoni ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Donazzjoni ta' organi, tessuti u ċelloli umani minn katavru.

12. (1) Id-donazzjoni ta' organi, tessuti jew ċelloli mejta għandha tiġi kkunsidrata f'persuni li huma ċċertifikati mejta bl-użu ta' kriterji newroloġiċi jew ċirkolatorji minn tabib.

(2) Is-Suprintendent għandu jżomm linji gwida aġġornati u evalwati bejn il-pari, li għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Ministeru, għad-dijanjosi ta' mewt bl-użu ta' kriterji newroloġiċi u ċirkolatorji għall-finijiet ta' donazzjoni ta' organi, tessuti u ċelloli.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 450 tal-25 ta' Marzu, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

27th March, 2026

## ACT No. VIII of 2026

*AN ACT to amend the Human Organs, Tissues and Cell Donation Act, Cap. 558.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent to the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 558.

**1.** The short title of this Act is the Human Organs, Tissues and Cell Donation (Amendment) Act, 2026 and this Act shall be read and construed as one with the Human Organs, Tissues and Cell Donation Act, hereinafter referred to as the "principal Act".

Substitution of article 12 of the principal Act.

**2.** Article 12 of the principal Act shall be substituted by the following new article:

"Donation of human organs, tissues and cells from a cadaver.

12. (1) Deceased organ, tissue and cell donation shall be considered in persons who are certified dead using neurological or circulatory criteria by a clinician.

(2) The Superintendent shall maintain updated and peer reviewed guidelines, which shall be published on the Ministry's website, for the diagnosis of death using neurological and circulatory criteria for the purposes of organ, tissue and cell donation.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 450 of the 25th March, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**